KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

# L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2728

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 185 tal-4 ta' Diċembru 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**MISTOQSIJIET PARLAMENTARI – RESPONSABILITÀ MINISTERJALI**

**28. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA tistaqsi lill-ISPEAKER:** Jista' l-Ispeaker jagħti direzzjoni lid-diversi Ministeri biex meta r-risposta li tkun ser tingħata għal xi domanda partikulari tkun titlob lill-Interpellant biex jagħmel id-domanda 'lill-Ministru kkonċernat', fil-fatt l-istess risposta tagħti indikazzjoni ta' liema hu l-Ministeru li lilu trid tkun indirizzata d-domanda, u dan għaliex spiss jiġri li meta Ministri partikulari jiġu mistoqsija dwar suġġetti li jkunu tkellmu dwarhom, jagħtu risposta li d-domanda għandha tiġi indirizzata lill-Ministru kkonċernat?

10.11.2023

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Is-Sedja tibda billi tfakkar illi l-mansjoni tagħha f'dawk li huma mistoqsijiet parlamentari hija limitata għall-għemil ta' dawn l-interpellanzi mill-Onor. Membri, allura l-forma u l-kontenut tal-mistoqsijiet. Min-naħa l-oħra, is-Sedja ma għandha l-ebda setgħa dwar kif Ministri jwieġbu mistoqsijiet li jsiru lilhom.

Minkejja dan is-Sedja stqarret diversi drabi f'rulings illi tagħraf ir-rwol li għandhom dawn il-mistoqsijiet f'dik li hija kontabilità tal-Eżekuttiv lejn il-Parlament u skrutinju tal-Gvern. Hu għalhekk li s-Sedja dejjem tappella sabiex Ministri jagħtu l-informazzjoni li tkun mitluba minnhom, u dan fi żmien raġjonevoli.

Is-Sedja tirrikonoxxi illi jkun hemm mistoqsijiet li r-responsabilità ministerjali tagħhom ma tkunx ċara, u allura l-Onor. Membri jistgħu jkunu indirizzawhom lill-Ministru l-ħażin. F'każijiet fejn l-uffiċċjali tal-Parlament li jagħmlu l-vetting tal-mistoqsijiet parlamentari jindunaw li mistoqsija ġiet indirizzata ħażin, dawn jikkomunikaw mal-Membru li jkun issottomettiha sabiex tkun korretta f'dak l-istadju.

Fil-każijiet l-oħra, minkejja li s-Sedja ttenni li ma għandhiex mansjoni kif ministri jwieġbu mistoqsijiet parlamentari, is-Sedja qiegħda tirrakkomanda sabiex fejn hu possibbli, meta Ministru jsirulu mistoqsijiet li ma jkunux jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jindika lill-Membru, direttament jew tramite l-Uffiċċju tal-Ispeaker, jew fit-tweġiba tiegħu, lil liema Ministru għandha tiġi 'redirected' tali mistoqsija.

Seduta 185
04.12.2023